**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**

**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**

***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***

***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Kumpilazzjoni numru: 359/2016 CFF**

**Il-Pulizija**

**Spettur Elton Taliana**

**vs**

**Amber-Ann Zammit**

**Illum il-Hamis 13 t'Ottubru, 2016**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Amber-Ann Zammit ta' 20 sena, imwielda Pieta' nhar il-5 ta' Lulju, 1985 bint Francis Marcelle Zammit u Mary Rose nee' Bugeja u residenti 10, Smaragdos, Trejqet San Pietru, Hamrun, detentrici ta' karta ta' l-identita' numru 284695M.

Akkuzata talli b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi, u liema atti gew maghmulha b'rizoluzzjoni wahda.

1. Nhar l-10 t'April, 2016 u fil-gimghat ta' qabel din id-data minn Triq in-Naxxar, San Gwann u fi nhawi ohra f'dawn il-gzejjer Maltin ikkomettiet serq ta' credit card u flus kontanti, liema serq li huwa aktar minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (232.94) izda ma jeccedix l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37) ghad-dannu ta' Christian Cauchi, liema serq huwa aggravat bil-valur';

2. U aktar talli fl-istess lok, dati u hin mill-ATM tal-Bank HSBC San Gwann b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlet uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq iehor, ingann, jew billi wriet haga b'ohra sabiex iggieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti mmaginarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlet qligh b'qerq ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94), izda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-detriment ta' l-istess Christian Cauchi.

Rat li l-ufficcjal prosekutur qara u kkonferma bil-gurament l-akkuzi fil-konfront ta' l-imputata fis-seduta datata 13 t'Ottubru, 2016.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioe', estratt mill-att tac-certifikat tat-twelid tal-imputata[1], il-fedina penali aggornata ta' l-imputata[2], stqarrija ta' l-imputata datata 13 ta' Mejju 2016[3], il-kunsens tal-Avukat Generali datat 22 ta' Settembru, 2016 u ircevuta mill-parte civile.

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputata ghall-akkuzi kollha kif dedotti kontra taghha u kif registrata waqt l-istess seduta datata 13 t'Ottubru 2016.

---

[1] A fol 3 tal-process

[2] A fol 4 tal-process

[3] A fol 5 sa 6 tal-process

Il-Qorti wissiet lill-istess imputata b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba taghha u tatha zmien xieraq biex jekk trid, setghet terga’ lura minnha u fil-fatt hija regghet tenniet l-istess ammissjoni taghha.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali datat 22 ta’ Settembru 2016 biex din il-Qorti titratta din il-kawza bi procedura sommarja ai termini ta’ l-Artikolu 370(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u rat ukoll il-kunsens ta’ l-imputata biex din il-Qorti titratta l-kawza bi procedura sommarja ai termini ta’ l-Artikolu 370(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u ghalhekk il-Qorti ipprocediet biex tiddeciedi fuq il-mertu tal-kaz u konsegwentement ikkonvertiet f’Qorti ta’ Gudikatura Kriminali.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputata irregistrat ammissjoni ghall-akkuzi kollha migjuba kontra taghha fis-seduta datata 13 ta’ Ottubru 2016 u dan fl-ewwel opportunita’ moghtija lilha, u ghalhekk, fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssibha hatja taghhom.

Il-Qorti rat ukoll il-Fedina Penali ta’ l-imputata li tinsab ezebita fl-atti tal-process u minn ezami ta’ l-istess jirrizulta li hija wahda netta.

Il-Qorti rat li l-imputata kkoperat mal-pulizija u hallset lill-parte civile dak kollu dovut lilu.

Decide:-

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet l-ammissjoni ta’ l-imputata u wara li rat l-Artikoli 257, 279(e) u 308 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta **tiddikjara li qed issib l-imputata Amber-Ann Zammit hatja ta’ l-akkuzi kif addebitati fil-konfront**

**taghha izda bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, qeghda tilliberaha bil-kundizzjoni li ma taghmel l-ebda reat iehor fi zmien tliet (3) snin mil-lum.**

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**